MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Numru. 399/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Priscilla Caruana]**

**vs**

**Lucju Demicoli**
**Judith Demicoli**

**Kumpilazzjoni Numru: 399/2011**

**Illum, 30 ta’ Mejju 2013**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra

**Lucju Demicoli** ta’ 61 sena, bin il-mejtin Carmel u Frances nee’ Vella, imwieled Pieta’ fit-22 ta’ Janar, 1950 u

residenti fil-fond 95, Jigsaw, Triq San Mikiel, Birzebbuga u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 227550(M); u

**Judith Demicoli** ta' 56 sena, bint il-mejjet Spiridione u Carmela nee' Borg, imwielda l-Belt, nhar it-28 ta' Frar, 1955 u residenti fil-fond 95, Jigsaw, Triq san Mikiel, Birzebbuga u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 154555(M);

Akkuzati talli nhar it-12 ta' Marzu, 2011 ghall-habta tal-15:45hrs gewwa x-Xatt ta' San Gorg, Birzebbuga attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan i-servizz u cioe' fuq il-persuni ta' l-istess ufficjal tal-Pulizija PC 1289 Peter Gauci;

U aktar talli f'l-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjajtu jew heddidtu jew ghamiltu offiza fuq il-persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li tinfluwixxi fuqu jew tbezzghu kontra l-Ligi f'l-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe fuq il-persuna ta'l-istess ufficjal tal-Pulizija PC1289 Peter Gauci;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1289 Peter Gauci u dan kif iccertifikat Dr.M Tufignio MD 2374 mic-centru tas-Sahha ta' Rahal il-Gdid;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m'obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma hallewx jew fixxklu waqt il-qadi ta' dmirijietu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijietu, billi ma hallewhx jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, u

cioe' portable radio tal-marka Midland u bott tal-pepper spray ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija u tal-Gvern ta' Malta liema hsara ma teccedix elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax –il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, glied jew mod iehor.

Il-Qorti, giet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta ta' PC 1289 Peter Gauci.

Rat l-artikoli 95, 96, 221, 222(1)(c), 325(1)(b) u 338(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh bejn l-imputati u pulizija waqt li dan ta' l-ahhar kien qieghed fuq xoghol u intervjena wara li dehrlu li l-imputat ma kienx liebes seatbelt waqt li kien qed isuq.

Illi l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu; mieghu kien hemm martu (imputata ukoll) u neputija (bint it-tifel taghhom). F'xi hin l-imputat saq minn hdejn pulizija (PC1289 Peter Gauci) li kien wieqaf bil-mutur; l-imputata Judith Demicoli ndunat li l-pulizija ghamlilhom sinjal biex jieqfu; peress li zewgha ma kienx waqqaf hi gibditlu l-attenzjoni u hu fil-fatt waqqaf ftit il-boghod mill-pulizija; meta l-imputat waqqaf il-pulizija mexa sa hdejn il-vettura ta'l-imputat.

Illi skond dan il-pulizija, PC1289 Peter Grech, malli hu resaq lejn il-vettura l-imputat hareg mill-vettura u saqsih ghalfejn kien waqqfu; hu qallu minhabba li ma kienx liebes seatbelt. L-imputat insista li hu kien liebes seatbelt ghalhekk PC1289 qallu li issa l-kaz jitressaq quddiem it-tribunal u jkun it-tribunal li jiddecidi bejn il-verzjoni ta' wiehed u l-verzjoni ta' l-iehor; il-kuntistabbli proceda biex talab lill-imputat biex dan jurih il-karta ta'l-identita pero l-imputat irrifjuta. L-imputat (dejjem skond PC1289) fil-waqt li beda jinsinwa li l-kuntistabbli kien imqabbad mieghu, mbottah minn idu; PC1289 qallu li hu kien ufficjal pubbliku u li ma kellux ghalfejn imissu pero l-imputat kompla jirreferi ghal xi incident li kien gara fil-passat u rega imbotta lil PC1289. Rinfaccjat b'dan l-agir PC1289 qal lill-imputat li ma kien hallilu l-ebda ghazla hlif li jarrestah talli refa' idejh fuq ufficjal pubbliku. Meta sema hekk l-imputat mar biex jidhol fil-vettura tieghu pero PC1289 rega' qallu li kien taht arrest u li ma setghax jitlaq; ghal dan id-diskors l-imputat dar ghal fuq il-kuntistabbli li ghalhekk permezz tar-radio sejjah ghall-assistenza.

Illi PC1289 ikompli jirrakkonta li fil-fatt l-imputat gie fuqu u tah daqqa ta' ponn u tajjarlu l-helmet ghalhekk hu qabad l-pepper spray u sprejja f'wicc l-imputat. Malli sprejja l-pepper spray qabad lill-imputat u tefghu ma'l-art biex ikun jista' jimmanettjah; sa dan it-tant l-imputat kien qed jirrezisti lill-pulizija biex ma jhallihx jimmanettajh. Il-kuntistabbli jkompli jispjega li waqt li kien qed jipprova jimmanettja lill-imputat harget il-mara ta'l-imputat, qabdet il-pepper spray[1] u sprejjat go wicc il-kuntistabbli fil-waqt li bdiet tghidlu biex ihalli lil zewgha ghaliex ftit ta' zmien qabel kien ghamel operazzjoni go wiccu. L-imputat donnu beda jikkalma ghalhekk PC1289 hallih u qam biex jigbor l-affarijiet tieghu[2] pero l-imputat gie minn warajh bil-biro tal-kuntistabbli stess u beda jaghtih biha fuq wiccu; PC1289 rega beda jipprova jaqbad lill-imputat u kien propju f'dak il-hin li waslu pulizija ohra biex jassistuh. L-imputat gie arrestat minn dawn it-tlett pulizija flimkien.

---

[1] PC1289 jghid li ma jaf jekk kienx dahhal il-pepper spray sewwa fil-pocket jew jekk kienx waqa ma'l-art.

[2] Affarijiet li kienu waqawlu f'din it-taqbida

Illi fil-fatt l-ewwel li wasal fuq il-post kien PC1606 Robert Vassallo (pulizija tat-traffic) u immedjatament warajh PC482 Keith Muscat u PC49 Johann Micallef. Dawn procedew biex jimmanettjaw lill-imputat li baqa jirrezisti. Ftit tal-hin wara wasal fuq il-post ukoll l-Ispettur Mario Tonna u xi pulizija mid-distrett; l-Ispettur Tonna ta struzzjonijiet biex l-imputat jittiehed l-ghassa u biex tissejjah fuq il-post kuntistabbli mara peress li l-imputata ukoll kellha tittiehed l-ghassa. Il-pulizija kollha li waslu fuq il-post wara s-sejha ghall-assistenza raw li PC1289 kellu d-demm ma' wiccu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-kors ta' dan l-incident PC1289 Peter Gauci soffra griehi hfif f'wiccu minhabba d-daqqiet li tah l-imputat oltre li kellu ghajnejh minfuhin u homor; irrizulta ukoll li l-imputata tefghet il-pepper spray fil-bahar u li gew ikkawzati xi hsarat fir-radio utilizzat minn PC1289.

Illi l-imputat Lucju Demicoli mhux biss irrilaxxja stqarrija imma anke ta d-depozizzjoni tieghu. Fiz-zewg istanzi huwa insista li kien liebes seatbelt. Dwar l-incident fih innifsu l-imputat jirrakkonta li wara li hareg mill-vettura u PC1289 qallu li ma kienx liebes seatbelt, hu beda jmerih u anke beda jgholli lehnu; PC1289 qallu biex ma jgholliex lehnu pero hu baqa' jinsisti li kien liebes seatbelt u kompla jgholli lehnu. L-imputat ikompli jirrakkonta li hu lill-kuntistabbli qallu biex ma jaqbadx mieghu u li kien ser jitlaq 'l hemm, u li fil-fatt mar biex jidhol fil-vettura pero PC1289 qabdu mill-gakketta u ma hallihx jidhol fil-vettura. L-imputat jammetta li hu rega beda jgholli lehnu mal-kuntistabbli li f'dak il-hin qallu li hu kien arrestat. Meta sema' hekk l-imputat prova jaghti s-salt u mbotta lill-kuntistabbli minn wiccu; wara dan ra lill-kuntistabbli jdawwar idejh u jgib xi haga minn wara u mbaghad hass l-ispray ma' wiccu. L-imputat ikompli jirrakkonta li l-kuntistabbli rega prova jaqbdu biex jimmannettjah pero hu baqa' jirrezisti u bdew jitqabdu sa kemm gew pulizija ohra u mmanettjawh.

Illi anke l-imputata rrilaxxjat stqarrija u tat id-depozizzjoni taghha. Judith Demicoli tghid li meta waqfu, wara li hi

gibdet l-attenzjoni lil zewgha li l-pulizija kien ghamlilhom sinjal biex jieqfu, zewgha hareg mil-vettura u dik li ghall-ewwel kienet konverzazzjoni bejn zewgha u l-pulizija ddegenerat f'argument tali li l-neputija bdiet tibki. Ghalhekk fil-waqt li l-imputat kienet ghada fil-vettura tikkalma lin-neputija nnotat lill-kuntistabbli juza r-radio biex isejjah ghall-ghajnuna u wara juza l-pepper spray; mbaghad rat lill-kuntistabbli jipprova jimmanettja lil zewgha. Meta l-imputata semghet lil zewgha jghajjat li ghajnejh qed jaharquh hi harget mill-vettura, qabdet il-pepper spray u tefghetu l-bahar; ftit wara gew pulizija ohra u jimmanettjaw lil zewgha.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mic-citazzjoni l-imputazzjonijiet migjuba kontra z-zewg imputati huma dwar attakk u rezistenza fil-konfront ta' ufficjal pubbliku, ingurja u offiza lil ufficjal pubbliku, offiza ta' natura hafifa a dannu ta' ufficjal pubbliku,  hsara volontarja, u ksur tal-buon ordni u l-paci pubblika.

Illi jibda biex jinghad li qari tal-verzjonijiet mghtoija minn PC1289 Peter Gauci u l-imputati juri li m'hemmx hafna divergenzi bejn il-verzjonijijet taghhom; anzi jista' jinghad li huma l-imputati li jikkoroboraw hafna minn dak li qal PC1289 fid-depozizzjoni tieghu.

Illi l-imputat jammetti li meta beda jitkellem mal-kuntistabbli, hu gholla lehnu mieghu u anke prova jaharbu; jammetti li meta l-kuntistabbli prova jzzommu milli jidhol fil-vettura meta kien ser jipprova jitlaq 'l hemm hu (cioe l-imputat) imbottah; jammetti li l-kuntistabbli infurmah li huwa kien qed jigi arrestat u li hu ghamel minn kollox biex ma jhalliex lill-kuntistabbli jimmanettjah inkluz li jaghtih daqqa fuq wiccu u li kien biss f'dan l-istadju li l-kuntistabbli uza l-pepper spray; l-imputat jammetti ukoll li anke wara li ntuza l-pepper spray huwa baqa jirrezisti tant li rega' prova jahrab billi dahal fil-vettura tieghu biex jipprova jitlaq 'l hemm u l-kuntistabbli kellu jiehu ic-cavetta mill-ignition biex jzommu milli jitlaq; jammetti ukoll li anke meta gew l-pulizja l-ohra huwa baqa jirrezisti jipprova jimpedihom milli jarrestawh.

Illi da parti taghha l-imputata tghid li hija nnuttat argument bejn  zewgha u l-kuntistabbli, li zewgha beda jghajjat u li l-kuntistabbli l-ewwel sejjah ghall-ghajnuna permezz tar-radio u wara uza l-pepper spray u li kien wara li uza l-pepper spray li l-kuntistabbli imbotta lil zewgha ma'l-art biex ikun jista' jimmanettjah.

Illi l-imputat jikkontendi li huwa kien gustifkat f'l-agir tieghu ghaliex l-kuntistabbli ma kellux raguni valida ghalfejn jarrestah; fil-verita din hija il-bazi tad-difiza ta'l-imputat.

Illi l-Qorti pero ma taqbilx ma' l-imputat. Jirrizulta li l-kuntistabbli ghamel talba legittima lill-imputat, u cioe biex jaghtih l-karta ta'l-identita biex ikun jista' jiehu d-dettalji tieghu peress li skond il-kuntistabbli l-imputat kien ikkommetta kontravvenzjoni (u cioe kien qed isuq minghajr ma kien liebes seatbelt). L-imputat mhux biss irrifjuta jaghti l-karta ta' l-identita tieghu lill-kuntistabbli imma beda jgholli lehnu mieghu u prova jitlaq 'l hemm minghajr ma jaghtih l-informazzjoni legittimament rijkesta. Din wahedha kienet  raguni valida ghall-arrest ta' l-imputat pero l-imputat ma waqafx hemm f'l-agir tieghu; meta l-kuntistabbli prova jzommu, l-imputat tah daqqa f'wiccu u kellhu jintuza l-pepper spray u anke f'dak l-istadju l-imputat baqa jirrezisti l-arrest u kien biss wara l-intervent ta' tlett pulizija ohra li l-imputat gie arrestat u dan minkejja li anke f'dan l-istadju l-imputat baqa jirrezisti.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew sodisfacjentement pruvati. Pero fir-rigward tal-hames imputazzjoni u cioe dik dwar hsara volontarja ghandu jigi rilevat li l-bott tal-pepper spray hu ma messux, kienet il-mara tieghu li tefghetu l-bahar. Ghalhekk il-hames imputazzjoni tirrizulta biss in kwantu tirreferi ghall-hsara kkawzata fir-radio u ghalhekk f'l-ammont ta' €363.27.

Illi l-pozizzjoni ta'l-imputata Judith Demicoli hija xi ftit differenti. F'l-ewwel lok ghandu jigi rilevat li mill-provi prodotti ma jirrizultax li PC1289 ta xi ordni lill-imputata. Lanqas ma gie pruvat li fi stadju ulterjuri, meta gew il-

pulizija l-ohra kollha, hija injorat xi ordni mghoti. L-unika ordni li nghatalha kien li tmur maghhom l-ghassa; hija talbet li qabel ma jmorru jistennew lil xi familjari taghha biex jiehdu hsieb lin-neputija, u fil-fatt hekk sar.

Illi ghar-rigward ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha Judith Demicoli tghid li wara li PC1289 uza il-pepper spray fuq zewgha l-bott waqalu ma’l-art allura hi qabditu u remietu fil-bahar; l-imputat tinnega li hija sprejjat f’wicc il-kunistabbli. Min-naha l-ohra il-kuntistabbli ghid li l-imputata sprejjatlu l-pepper spray f’wiccu.

Illi m’ghandux ikun dubbju li xi hadd sprejja pepper spray f’wicc il-kuntistabbli ghaliex meta huwa gie ezaminta mit-tabib gie konstatat li kellu hmura f’ghajnejn, hmura li hija kompatibbli ma’ uzu ta’ pepper spray. Tenut kont tal-fatt li l-imputata tammetti li hija gabret il-bott tal-pepper spray u in vista tal-provi l-ohra kollha prodotti inkluz il-verzjoni mghotija minn PC1289, l-unika persuna li setghet tisprejja l-pepper spray f’wicc il-kuntistabbli kienet l-imputata qabel ma irmietu fil-bahar. Konsegwentement l-imputazzjonijiet kollha, hlif ir-raba wahda, gew pruvati ukoll fil-konfront ta’ l-imputata.

Illi pero, peress li l-involviment taghha f’dan l-incident kien limitat ghall-fatt li hija sprajjat pepper spray f’wicc PC1289 fost hafna ghajjat u storbju anke da parti taghha, u peress li hija ma ppartecipatx fit-taqdiba bejn zewgha u PC1289, l-imputata Judith Demicoli ma tistax tinstab hatja ghall-hsara kkawzat fir-radio u ghalhekk fil-konfront taghha jirrizulta r-reat predisopst f’l-artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’referenza ghall-valur tal-bott tal-pepper spray.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, ic-crkostanzi kollha tal-kaz u l-partecipazzjoni ta’ kull wiehed/wahda minnhom, kif ukoll il-fedina penali taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Wara li rat l-artikoli 95, 96, 221, 222(1)(c), 325(1)(b) u 338(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat **Lucju Demicoli** hati ta’l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sitt xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sentejn; in oltre u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28H ta’l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien tlett xhur ihallas lill-Kummissarju tal-Pulizija is-somma ta’€363.27.

U fil-waqt li ma ssibx lill-imputata **Judith Demicoli** hatja tar-raba imputazzjoni migjuba kontra taghha u tilliberaha minnha, wara li rat l-artikoli 95, 96, 221, 222(1)(c), 325(1)(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-istess imputata Judith Demicoli hatja ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra taghha b’dan li fir-rigward tal-hames imputazzjoni qed tinstab hatja tar-reat minuri kompriz u involut u cioe dak prospettat f’l-artikolu 325(1)(d), u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------